Tema 10

# X'nagħmlu kuljum



**Tagħrif għall-għalliema: Din is-silta se tesponi 'l-istudenti għal apparat li nużaw id-dar.**

**Tema 10: X'nagħmlu kuljum**

**Silta tas-smigħ:**

Stefan: Mà, kemm hawn sħana fil-kċina!

Mamà: Hemm l-ikel qed isir fil-forn, Stefan.

Stefan: Ħa nixgħel il-fann.

Mamà: Aħjar ħa nħossu l-frisk.

Stefan: Tista' tagħmilli ftit kafè jekk jogħġbok?

Mamà: Mela le. Ħa nixgħel il-kitla. Trid towst?

Stefan: Iva. Ħa noħroġ il-ġobon u l-butir mill-friġġ.

Mamà: Mur aħsel idejk fis-sink qabel tiekol.

Stefan: Kollox sew, mamà.

Mamà: Hawn huma l-kafè u t-towst.

Stefan: Għamiltli kuċċarina zokkor?

Mamà: Insejt. Ħa nagħmillek.

Stefan: X'se nieklu f'nofsinhar, mà?

Mamà: Laħam u patata l-forn.

Stefan: Tajbin dawk. Iġri jsir il-ħin biex nieklu!

Mamà: Għalissa kul it-towst. Tfarrakx għax ikollok tikinsu bl-ixkupa! Ħa nixgħel il-ħadida tal-mogħdija ħa ngħaddi l-ħwejjeġ.



**Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa:**

Min jgħid li:

| | Il-mamà | Stefan |
|---|---|---|
| fil-kċina hemm is-sħana? | | |
| ħa jixgħel il-kitla? | | |
| se jieklu laħam u patata l-forn? | | |

**Eż. B: Qabbel naħa m'oħra permezz tan-numri:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. forn | | ħwejjeġ |
| 2. kitla | | kafè |
| 3. towst | | frisk |
| 4. ħadida tal-mogħdija | | sħana |
| 5. fann | | butir |

**Eż Ċ: Imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel:**

1. L-ikel kien qed isir fil-______________.
2. Stefan ried li ommu tagħmillu ftit ______________.
3. Il-ġobon u l-butir kienu fil-______________.
4. Stefan ried ______________ zokkor fil-kafè.

| | | | |
|---|---|---|---|
| kuċċarina | kafè | friġġ | forn |

